SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 57/K9/23

Data tal-laqgħa: 25 ta' Lulju 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin Sultana – Kunsillier
Adrian Dominic Ellul - Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsiller
Victor Vella – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

**Assenti:** Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku (Inc No. 42886/2023)
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc No. 43166/2023)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**57.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

57.1.01 Il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbu li jiġi skużat. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**57.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

57.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 56/K9/23 għall-approvazzjoni.

57.2.02 Il-Kunsillier John Agius talab ssir korrezzjoni sabiex jitnizzel isem Adrian Domenic Ellul preżenti. Huwa talab wkoll li jsir korrezzjoni ta' 56.3.02 fejn jiżdiedu l-kliem ġemellaġġ ma' raħal fl-Ungerija.

57.2.03 Wara l-korrezzjoni, il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

57.2.04 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah.

57.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**57.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

57.3.01 Advertising barriers – ser issir laqgħa magħhom, kull min jixtieq jista' jattendi. Ser inkunu qed ngħaddulhom d-data ma' meta ser issir l-laqgħa.

57.3.02 Kunsentmikloz – Bejn l-20 u 24 ta' Ottubru 2023 ser ikunu qed jiġu 18 il-persuna ġewwa Malta. Il-Kunsill għamila ċara li ma jistax jifinanzja dan l-ammont ta' nies. Għaldaqstant ġie deċiż li ser inkunu qed nħallsulhom ikla waqt il-visita tagħhom.

57.3.03 Ġnien Spinola – tkellem mas-Sur Dennis Vella mill-Foundation for Tourism Zone Development dwar il-ġnien. Il-ġimgħa d-dieħla ser tkun qed issir laqgħa sabiex jiġi deċiż x'ser ikun qed isir.

57.3.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fil-5.30p.m.

57.3.05 Il-Proġetti tat-torri ta' l-applikant is-Sur Paul Xuereb ingħatajna ammont ta' €450k. Is-Sur Paul Xuereb dan talab lill-board tal-Planning Authority sabiex dawn il-fondi jintefqu kollha ġo San Ġiljan. Iċ-Ċermen talab lill-Kusilliera sabiex sa' laqgħa oħra jgħatu s-suġġerimenti tagħhom fejn dawn il-flus jistgħu jintefqu. €50k oħra ngħataw lill-kuntrattur bi ftehim ma' l-Arts Council biex isir min-naħa tagħhom.

57.3.06 Tarmac fi Sqaq is-Siġra ser isir f'nofs Awwissu. Triq Charles Sciberras ingħatat l-ewwel livel ta' tarmac iżda it-tieni kisja għadha ma saritx minħabba li hemm proġett. Birkirkara Hill tlestiet mit-tarmac.

57.3.07 Il-promenade – il-hedge ġie miżruħ kollhu, ġie mibdul l-irrigation kollhu. Fir-rigward l-flus li ntużaw għall-irrigation ser inkunu qed nużawhom minn skema.

57.3.08 Scooters – ressaqna l-locations tagħna. Bdew jiltaqaw ma' Transport Malta.

57.3.9 Laqgħa mal-Onor. Clifton Grima – saret il-laqgħa fejn attenda ċ-Ċermen u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul. Huma tkellmu jekk nistgħux nwellu l-grawnd ta' Ta' Ġiorni.

57.3.10 Kellu laqgħa mas-Sur Ramon Deguara, min-naħa tal-Cleansing bidlulna il-bins ta' madwar il-promenade temporanji. Mad-dawra tal-baħar waħħalna aktar dog bins, ġiet irranġata l-bus stop, fil-Balluta ġie rranġat d-dawl kif ukoll tnaddfet l-area ta' ħdejn il-public convenience.

57.3.11 Attivita' ta' l-isports – tal-ġostra ser inkunu qed nagħmluha fit-12 ta' Awwissu 2023. Huwa ltaqa' wkoll mal-pitch tal-waterpolo San Ġiljan fejn ser isiru diversi logħob. Ser inkunu qed nisponsorjaw il-medalji. Tkellem ukoll mal-persuna li qed tieħu l-ħsieb ta' Ta' Ġiorni Wolves sabiex jsiru tournaments tal-billiard.

57.3.12 Saret laqgħa mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar Ġnien Saver Zarb. Il-bierah tkellimna mal-Avukat biex naraw x'inhi l-*way forward*.

57.3.13 Laqgħa ma' Transport Malta – f'din il-laqgħa ġew diskussi diversi materji fosthom dettal dwar Paceville, escooters, fetħa li hemm minn The Gardens għal Swieqi minħabba li ma tistax taqsam, meta toħroġ minn Spinola Road trid toqgħod tinżel ghal Pjazza li qiegħed jinħoloq ħafna traffiku fil-Pjazza, Bus Stop fejn il-Wembley. Ġie deċiż li nibagħatu ittra lill-Transport sabiex isir bus stop għal tal-linja 120 u oħrajn li jgħaddu minn Triq Mikielanġ Borġ inti u tiela kif taqbeż il-Wellbees.

57.3.14 Għandhom jibagħtulna sabiex għalissa temporanjament tal-GoTo ngħattu t-tabelli u issir kaxxa bajda.

**57.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

57.4.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar il-ħamiem selvagg, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Bonavita u Triq il-Ballut. Hemm xi bye-law. Hija rrangrazzjat lill-ħaddiem tal-Kunsill, dwar l-egħluq ta' culvert filwaqt li ġibdet l-attenzjoni li hemm 2 culverts oħra fl-istess triq biex jingħalqu, hija tkelmet dwar reserved parking li hemm fi Triq il-Ballut sabiex titneħħa peress li l-persuna li kienet tużaħa mietet.

57.4.02 Il-Kunsillier Martin Sultana – staqsa dwar il-*bus stop* ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier huwa ġie nfurmat li din ġiet irranġata. Tkellem dwar ukoll fi Triq Lapsi Bini tal-Gvern ħdejn l-ATM fejn kellha ssir *bus shelter* flok tabella. Staqsa dwar is-slielem ta' l-għawn il-Bajja ta' Spinola u l-Banis jekk dawn sarux kollha. Iċ-Ċermen infurmaħ li suppost twaħħlu kollha.

57.4.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar it-tappiera ta' Lapsi Street huwa ġie nfurmat li din it-tappiera kienet saret, pero din imkissra, *culverts* ta' Birkirkara Hill imkissra, u ta' Telghet Birkirkara. Ser ikun qiegħed jinżamlu c-cheque sabiex dawn isiru mill-aktar fis.

57.4.04 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar il-clinic. Il-proċess miexi u suppost sa' laqgħa oħra għandna nirċievu risposta.

57.4.05 Il-Kunsillier Victor Vella staqsa dwar it-taraġ li hemm ħdejn it-taraġ tal-Banif li huwa maħmuġ u għalkemm għednilu diversi drabi dan ma tnaddafx kif ukoll it-taraġ tas-Saddles. Staqsa dwar il-vann tal-Balluta jekk dan bediex huwa ġie nfurmat li iva.

57.4.05 Meta ser jinħarġu t-tender tas-soft areas ser inkunu qed niċċekjaw jekk nistgħu nagħmluhom area area. Il-Kunsill qabel unanimament.

57.4.06 Il-Kunsillier Sean Gauci staqsa dwar ir-refuiling li ġewwa x-Xatt ta' Spinola. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul spjega eżatt id-definizjoni ta' *swimming zone*. Il-Kunsill qabel li jsir *enforcement* sabiex isir ir-refuiling biss bejn it-8.00p.m. sa' 8.00a.m. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lid-Direttur tal-Infurzar tat-Transport Malta is-Sur Patrick Pollacco fejn nissuġerrixu ir-refuiling jsir bil-hin u jekk hemmx xi tabelli li jistgħu jeħlu.

## 57.5 Festa San Ġiljan

57.05.01 Ser inkunu qed nagħmlu laqgħa oħra mal-Pulizija, LESA, Transport Malta u l-Kappillan.

57.05.02 Ser isiru drinks għal waqt il-festa ta' San Ġiljan nhar it-Tlieta u l-Ħamis.

**57.6 Talbiet żgħar**

**57.6.01 Korrispondenza mil-Infrastructure Malta dwar Triq San Ġorġ (Inc. 41970/23);**

57.6.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza mingħand l-Infrastructure Malta. Il-Kunsill qabel li qiegħed joġġezzjona mal-proposta tagħhom minħabba li ser ikun qiegħed jiżdied it-traffiku għal Pjazza ta' Spinola u pollution.

**57.6.02 Talba għal inawgurazzjoni mill-ġdid tal-Kazin Banda San Ġiljan (Inc. 42584/23);**

57.6.02.01 Il-Kunsill jaqbel ma' din it-talba dment li jinħarġu l-permessi kollha neċċessarji. Importanti li jiġu nfurmati wkoll it-Transport Malta minħabba l-egħluq tat-toroq.

**57.6.03 Talba sabiex tiġi nstallata Vending Machine f'Paceville (Inc. 42602/23);**

57.6.03.01 Huwa ser jiġi nfurmat sabiex l-ewwel għandu jġib il-permess mal-Awtoritajiet tad-Djar u wara jerġa' jkellimna u l-Kunsill jkun f'pożżizjoni li jiddeċiedi.

**57.6.04 Talba għall-permess quddiem il-ħanut Zwiit (Inc. 42608/23);**

57.6.05.01 Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir dment li jinħarġu l-permessi kollha neċċessarji mill-awtoritajiet kompetenti.

**57.6.06 Talba għal twaħħil ta tabella b'logo ta' ħanut u vleġġa (Inc. 42680/23);**

57.6.06.01 Il-Kunsill qiegħed jitlob li jingħata ritratt ta' fejn eżatt ser titwaħħal u ta' kif ser tkun it-tabella.

**57.6.07 Ċirkulari Cirk AKL2023/070 dwar l-European Mobility Week 2023 (Inc. 42972/23);**

57.6.07.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul spjega li ser jkun hemm 2 skemi differenti. Din ser ikun qed jieħu ħsieba l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

57.6.07.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fil-6.50p.m.

**57.6.08 Talba għall-permess ta' mwejjed u siġġijiet fuq is-simenta taht it-triq hdejn il-Pitch tal-Waterpolo ta' San Giljan (Inc. 43065/23);**

57.6.08.01 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha neċċessarji.

**57.6.09 Email dwar talba għal-permess (Inc. 43087/23) ;**

57.6.09.01 Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal items kif mitlub : 1. jsiru junction box, 2. Issir spotlight min-naħa tagħhom, 3. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li dawn isiru għas-spejjez, 4. għandu jitkeb lill-Lands Authority.

**57.6.10 Korrispondenza dwar Triq Sant' Anġlu (Inc. 43009/23);**

57.6.10.01 Saret riferenza għall-korrispondenza dwar Triq Sant' Anġlu. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jitkellem mat-Transport Malta.

**57.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

57.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6000 sa 6028. (Ara Appendiċi 'A')

57.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**57.8 Skeda tal-Pagamenti**

57.8.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

57.8.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

57.8.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**57.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

57.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar 29 ta' Awwissu 2023 fil-5.00p.m.

57.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija (7.20p.m.)

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Malcolm Agius** |
| **Ċermen** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 29 ta' Awwissu 2023**